MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR. ANTONIO MIZZI

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2005

Numru 151/2004

Il-Pulizija
(Sp Dennis Theuma)
vs
Carmel Azzopardi, iben Saviour,
imwieled Pieta' fit-13 ta' awissu,
1975

Il-Qorti,

Rat l-akkużi kontra l-imputat –

1. talli f'dawn il-Gżejjer, fis-6 ta' novembru, 2000 u fiż-żmien ta' qabel, b'diversi azzjonijiet magħmula minnu, anki jekk fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi u li kienu magħmulin b'risoluzzjoni waħda, bħala detentur tal-fond bl-isem 'Ritfred', Triq Karm Sammut, Birkirkara jew bħala l-persuna li kella f'idejha l-

istess fond, b'mezzi qarrieqa kkometta serq ta' kurrent elettriku minn meter tad-dawl li jinsab fl-imsemmi fond għad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-ħin u bil-valur li ma jeċċediex l-elf lira maltin (Lm1,000);
2. talli fl-istess żmien għamel ħsara fil-makkinarju u gumni ta' l-elettriku jew ikkaġuna telf ta' kurrent ta' l-elettriku;
3. talli għamel ħsara jew għarraq xi apparat jew parti mill-meter ta' l-elettriku jew is-siġilli tiegħu jew xi parti minn xi apparat jew gumni użati fil-provvista ta' l-elettriku jew is-siġilli tagħhom.

Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż dwar il-ħatra tal-esperti.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Illi mill-provi ma jirrizulta xejn li biha tista' tinsab xi ħtija ta' l-imputat.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkużi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------